# Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Min jirċievi dan ir-rikors maħluf kontra tiegħu għandu jippreżenta r-risposta maħlufa tiegħu fi żmien għoxrin (20) jum mid-data tan-notifika, cioè minn meta jirċeviha. Jekk ma tiġix ippreżentata r-risposta maħlufa bil-miktub kif trid il-liġi saż-żmien imsemmi, il-Qorti tgħaddi biex tagħti d-deċiżjoni skond il-liġi.

Għalhekk huwa fl-interess ta' min jirċievi dan ir-rikors maħluf li jkellem avukat bla dewmien sabiex il-Qorti tisma' x'għandu xi jgħid fil-kawża

CC (K.I. XXX)

*vs*

(i) IZ (K.I. XX) f'ismu *proprio* u bħala direttur ta' FG Limited (CXXX) għan-nom u in rappreżentanza tal-istess

(ii) CA (K.I. XX) u KD (K.I. XX) f'isimhom *proprio* u bħala diretturi ta' WS Limited (CXX) għan-nom u in rappreżentanza tal-istess

**Rikors Ġuramentat ta' CC (K.I. XXX);**

Jesponi bir-rispett u bil-ġurament tiegħu jikkonferma s-segwenti fatti liema fatti jaf bihom personalment;

1. Illi l-esponenti kien impjegat mas-soċjeta' intimata WS Limited (CXXX) li tagħha l-konvenuti CA u KD huma diretturi;

2. Illi nhar it-XX għall-ħabta tat-Xpm, ġewwa l-Fabbrika tas-soċjeta intimata l-oħra FG Limited (li tagħha l-konvenut IZ huwa direttur) li tinsab XX ġewwa l-Qasam Industrijali XX, l-esponenti korra bil-konsegwenza li huwa sofra danni inġenti kif ukoll diżabilita' permanenti, liema inċident seħħ waqt il-ħin tax-xogħol u matul il-qadi ta' dmirijietu bħala ħaddiem tas-soċjeta' intimitata WS Limited u dan kif juri r-rapport maħruġ mill-isptar Mater Dei, hawn anness u mmarkat Dok. "A", kif ukoll rapport li sar ġewwa l-Għassa tal-Pulizija ta' XX, hawn anness u mmarkat Dok. "B";

3. Illi bħala konsegwenza diretta ta' dan l-inċident, l-esponenti sofra debilita' permanenti ta' dsatax fil-mija (19%) u dan kif juri r-rapport mediku tal-konsulent fil-kirurġija estetika XX XX li qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dok. "Ċ";

4. Illi inoltre l-konsulent fl-ortopedija XX XX iċċertifika li s-sintomi tal-esponenti li għandhom x'jaqsmu ma' uġiegħ u mixi huma ta' natura permanenti filwaqt li l-esponenti qiegħed ukoll isofri minn debilita' permanenti fl-għaksa x-xellugija

liema diżabbilta hija ta' sebgħa fil-mija (7%) u dan kif jidher mir-rapport mediku hawn anness u mmarkat bħala Dok. "D";

5. Illi barra minn hekk, l-esponenti inkorra u għadu qed jinkorri diversi spejjeż mediċi kif jidher mill-irċevuti hawn anness u mmarkati bħala Dok. "E", "F" u "Ġ", oltre għal spejjeż relatati ma' telf ta' qliegħ, kemm issa kif ukoll fil-futur;

6. Illi barra minn hekk, il-ħajja personali tal-esponenti ġiet affetwata konsiderevolment u anke għaliex:

   (i) Ma setax jibqa' jagħmel ix-xogħol li kien qiegħed jagħmel qabel l-inċident.
   (ii) Ix-xogħol li qiegħed jagħmel bħalissa huwa inqas strapazzanti b'detriment għall-qliegħ tiegħu.
   (iii) Kellu jnaqqas attivitajiet ta' interess personali bħas-sajd.
   (iv) Ma jistax jgħin f'xogħol tad-dar u għandu wkoll bżonn ta' għajnuna f'affarijiet personali ta' kuljum, fosthom sewqan.
   (v) Ġie affetwat b'mod negattiv għaliex l-esponenti huwa konxju tad-diversi marki viżibbli li għandu fuq ġismu b'konsegwenza ta' tali inċident.

7. Illi jirriżulta li tali inċident seħħ minħabba imperizja, negliġenza, *non curanza* u nuqqas ta' osservanza ta' regoli da parti tas-soċjetajiet intimati jew min minnhom u/jew tad-diretturi tagħhom, konvenuti wkoll, u/jew min minnhom u dan għal diversi raġunijiet kif ser jirriżulta fil-mori tal-kawża nkluż:

   (i) L-inċident seħħ f'parti tal-fabbrika li fiha kien hemm il-makkinarju u kwindi kellhom jidħlu ħaddiema tal-FG u mhux ta' terzi sabiex iġorru l-ħġieġ li eventwalment waqa' fuq l-attur, madankollu kienu l-intimati stess li taw struzzjonijiet lill-attur biex jaċċedi f'din il-parti tal-fabbrika u jġorr il-ħġieġ.
   (ii) Din l-istess parti tal-fabbrika ma kien fiha ebda sinjal li juri li l-aċċess huwa ristrett.
   (iii) L-art tal-fabbrika f'din l-istess parti hija art tal-konkos u kien hemm residwi ta' affarijiet mal-art li wassal biex il-kavallott li fuqu kien hemm il-ħġieġ jinqaleb u b'konsegwenza ta' dan korra l-esponenti.
   (iv) Ma kien hemm ħadd jagħmel superviżjoni – la min-naħa tas-soċjeta' FG Limited u wisq anqas min-naħa ta' WS Limited, liema soċjetajiet kienu t-tnejn responsabbli għas-saħħa u s-sigurta' tal-attur fuq il-post tax-xogħol.
   (v) Illi da parti tagħhom, il-konvenuti CA u KD naqsu milli jieħdu miżuri biex jevitaw danni u/jew korrimenti fuq il-post tax-xogħol;
   (vi) Illi l-intimati naqsu milli jieħdu l-prekawzjonijiet kollha sabiex jiġu evitati riskji, naqsu milli jevalwaw riskji u naqsu milli jieħdu l-miżuri kollha possibbli biex jipproteġu lill-attur fuq il-post tax-xogħol.

8. Illi minkejja li l-intimati ġew debitament interpellati sabiex jersqu għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni sofferti mill-esponent b'ittra uffiċjali u ċjoe l-ittra bin-numru XX/XXXX, kif ukoll ittra bonarja, kopji ta' liema qiegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati bħala Dok. "H" u "I", l-intimati baqgħu inadempjenti;

9. Illi billi sal-lum, minkejja d-diversi interpellazzjonijiet l-intimati baqgħu inadempjenti, l-esponent ma baqgħalu ebda triq oħra għajr li jipproċedi bl-odjerna kawża stante li sofra danni u għadu jsofri danni minħabba dan l-inċident;

Illi r-raġuni ta' din it-talba hi illi l-esponenti korra waqt il-qadi ta' dmirijietu nhar XXX u dan minħabba imperizja, negliġenza, *non curanza* u nuqqas ta' osservanza da parti tal-intimati, u sal-lum għadhom ma ħallsux id-danni sofferti mill-esponenti kawża ta' dan l-inċident;

Għaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, jogħġobha:

1. Tiddikkjara illi l-esponenti sofra danni minħabba l-inċident li seħħ nhar XX ġewwa l-Fabbrika tas-soċjeta' FG Limited ġewwa l-Qasam Industrijali tal-XX, mil-liema inċident l-esponenti qiegħed isofri debilita' permanenti;

2. Tiddikkjara u tiddeċiedi illi l-intimati jew min minnhom huma unikament responsabbli għal dan l-istess inċident;

3. Tillikkwida d-danni sofferti mill-esponenti b'konsegwenza tal-imsemmi inċident, bl-opera *occorrendo* ta' periti nominandi;

4. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex iħallsu d-danni hekk likwidati;

Bl-ispejjeż u l-imgħax, kontra l-intimati, inkluż tal-ittri uffiċjali XX/XXXX li minn issa huma nġunti in subizzjoni.

Avv. John Bonello
*19/9, Triq id-Dejqa, Valletta*

Avv. Marthese Grech

P.L. Jean-Pierre Busuttil

**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili**

CC

*vs*

IZ *pro et noe et*

**Lista ta' Xhieda**

L-attur għall-konferma tal-fatti dikjarati;

Familjari tal-attur sabiex jixhdu dwar l-effett li kellu l-inċident fuq l-istil ta' ħajja tal-attur;

Diretturi, rappreżentanti u impjegati tas-soċjetajiet intimati sabiex jixhdu dwar il-mertu tal-kawża;

Impjegati kurrenti u passati tas-soċjeta' intimata li kienu fuq il-post tal-inċident dakinhar tal-XX, fosthom XX XX u IZ, kif ukoll missier l-esponenti XX XX li wkoll ra lill-esponent fuq il-post tal-inċident;

Il-Pulizija Insp. XX XX, PSX XX XX u PCX XX XX li marru fuq il post dakinhar tal-inċident u ħejjew ir-rapport XX X/X/X/XXXX;

Impjegati tas-sezzjoni tal-*Health and Safety* XX XX u XX XX li spezzjonaw il-post fejn seħħ l-inċident;

Impjegati tal-isptar Mater Dei li kkuraw lill-attur dakinhar tal-inċident fosthom Dr XX XX, Mr XX XX, Dr XX XX, Dr XX XX u Mr XX XX;

Konsulenti u tobba oħra li eżaminaw lill-attur wara l-inċident fosthom Dr XX XX, Dr XX XX, Mr XX XX, Mr XX XX u Mr XX XX;

Uffiċjali tad-Dipartiment għas-Sigurta' Soċjali u speċifikament impjegati tas-sezzjoni tal-korrimenti fuq il-post tax-xogħol;

L-intimati sabiex jixhdu dwar il-mertu tal-kawża u għas-subizzjoni.

Avv. John Bonello

Avv. Marthese Grech

P.L. Jean-Pierre Busuttil

**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili**

CC

*vs*

IZ *pro et noe et*

**Lista ta' Dokumenti**

| | |
|---|---|
| Dok. A | Rapport mediku fuq l-inċident li sofra l-attur maħruġ mill-Isptar Mater Dei |
| Dok. B | Rapport dwar l-inċident *de quo* magħmul ġewwa l-Għassa tal-Pulizija datat XXX |
| Dok. Ċ | Rapport mediku tal-konsulent fil-kirurġija estetika RB datat XXX |
| Dok. D | Rapport mediku tal-konsulent fl-ortopedija RG datat XXX |
| Dok. E | Irċevuta tal-ispejjeż mħallsa lill-konsulent RB |
| Dok. F | Irċevuti tal-ispejjeż mħallsa lill-konsulent RG |
| Dok. Ġ | Irċevuti tal-ispejjeż mħallsa lill-Isptar Saint James |
| Dok. H | Kopja Legali tal-Ittra XX/XXXX |
| Dok. I | Ittra bonarja mibgħuta lill-intimati |

Avv. John Bonello

Avv. Marthese Grech

P.L. Jean-Pierre Busuttil

| | | |
|---|---|---|
| Attur: | | X |
| Notifiki: | | |
| | (i) | FG Limited – A |
| | (ii) | IZ – B |
| | (iii) | WS Limited – C |
| | (iv) | CA – D |
| | (v) | KD – E |